**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

**Talba Numru: 361/2016 AM**

**Numru fuq il-Lista: 36**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Uranus Company Limited (C6772)**

**Jupiter,**

**Triq il-Qares,**

**Mosta**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-06 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,584.43c) in konnessjoni ma servizzi migbura fil-kont bin numru 40156198.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, s-socjeta' konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritti mil-ligi u lanqas ma deher hadd mis-socjeta' konvenuta ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2018 li permezz taghha kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie pprężentat mis-soċjeta` attriċi u s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta uerbghin centezmu (€1,584.43c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2030/15 huma a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**